# Il-Banda 'La Vittoria' u t-Tberik tal-Qniepen, Mellieħa – 1925

Minn Grazio A. Grech

Fil-bidu tas-snin għoxrin, il-Kappillan tal-Mellieħa, Dun Karlu Cortis, ordna sett qniepen għall-knisja parrokkjali tiegħu tal-Mellieħa, iddedikata lill-Marija Bambina, għand id-Ditta Aldo Barricozzi ta' Milan. Għal dan il-għan kien beda jsir il-ġbir tal-flus mingħand il-poplu, tant li l-Funderija Barricozzi kienet bagħtet sett ta' ħames kanni skond in-noti u l-armonija ta' kif ġew ordnati dawn il-qniepen. Biex dan is-sett kanni (jew qniepen) setgħu jiġu mħallsa, l-Għaqda Mużikali 'La Vittoria' tal-Mellieħa kienet għamet kunċert bihom. Barra dan, l-istess Għaqda Mużikali 'La Vittoria' kienet ukoll organizzat diversi lotteriji għal dan l-istess skop – jiġifieri għal ġbir ta' fondi għall-qniepen.

Madanakollu, wara diversi ġbir u donazjonijiet li finalment laħqu kważi Lm1000, f'Marzu ta' l-1925, dawn il-qniepen ordnati waslu fil-Mellieħa meta kien imexxi l-parroċċa, il-Vigarju Kurat Dun Anton Ellul Pace, għax il-kappillan Karlu Cortis, kien inħatar Monsijur tal-Katidral.

Iċ-ċerimonja tat-tberik tal-qniepen kellha ssir nhar il-25 ta' Marzu, 1925, iżda minħabba l-maltemp, din saret nhar is-27 ta' Marzu, mill-Arċisqof ta' Malta, Dom Mauro Caruana. Dawn il-qniepen ġew mgħammda bl-ismijiet ta' Maria Vittoria, San Paolo, Sant'Antonio, San Giuseppe u San Francesco, u l-parrinijiet kienu l-ex-kappillani, il-Monsinjur Franġisk M. Magri u l-Monsinjur Karlu Cortis. Diversi kienu l-benefatturi li kkontribwew l-flus għax-xiri ta' dawn il-qniepen, iżda ta' min isemmi lil Franġiska Sammut u Marianna Apap, it-tnejn mill-Mellieħa.

Dak in-nhar tat-tberik tal-qniepen il-Banda 'La Vittoria' tal-Mellieħa laqgħet mhux biss lill-Arċisqof bid-daqq ferrieħi tal-banda, imma wkoll kompliet tferraħ lil dawk kollha preżenti. Mhux dan biss, tard filgħaxija il-banda 'La Vittoria' daret mar-raħal iddoqq marċi ferrieħa. Kienet ukoll żanżnet, waqt programm mużikali, il-kompożizzjoni mużikali, 'The Fairy Bells' tas-surmast tagħha ta' dak iż-żmien, Mro. Nikola Montebello. Kien ukoll dak in-nhar meta l-banda 'La Vittoria' ġiet milqugħa fil-każin Kostituzzjonali tal-Mellieħa fejn kien hemm ukoll iż-żewġ rappreżentatnti parlamentari tad-distrett, is-Sur W. Salomone u l-Avukat John Bugeja.

L-għada, is-Sibt, 28 ta' Marzu, erbgħa mill-ħames qniepen kienu ġew imtellgħa f'posthom fil-kampnar. Imbagħad, il-Ħadd, 29 ta' Marzu, filgħaxija taħt id-direzzjoni wkoll tas-Surġent Maġġur Ġ. Camilleri RMA, ġiet mtellgħa f'postha il-ħames qanpiena fost iċ-ċapċip, tfiħ fl-arju ta' kpiepel u brieret. Għal din iċ-ċerimonja kienet attendiet folla ta' madwar 6000 ruħ minn Malta u Għawdex.



Attività oħra li saret fil-Mellieħa in konnessjoni mal-qniepen kienet dik tat-12 t'April, 1925. Dak in-nhar il-poplu Mellieħi rringrazza lil'Alla talli t-tlugħ tal-qniepen seħħ b'wiċċ il-ġid u mingħajr l-ebda inċidenti. Għalhekk, dak in-nhar filgħodu fil-parroċċa saret quddiesa kantanta bil-vuċijiet u orgni, waqt li filgħaxija tkantaw il-Vespri, saret priedka bis-suġġett, 'Ir-Risurezzjoni ta' Ġesù Kristu' u wara kienet ġiet kantata l-Antifona tat-Twelid tal-Madonna u segwita bil-kant tat-Te Deum, bħala radd il-ħajr. F'dawn il-funzjonijiet reliġjużi kienet ħadet sehem il-mużika taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ġużeppi Caruana.

F'dan l-istess jum tat-12 t'April, waqt iċ-ċerimonja apposta il-Vigarju Kurat tal-Mellieħa, Dun Anton Ellul Pace, ippreżenta lis-Surġent Maġġur Ġ. Camilleri RMA, tazza tal-fidda b'kitba fuqha li tfakkar din il-ġrajja storika – il-ġrajja tat-tlugħ tal-qniepen. Dan ir-rigal ingħatalu bħala rikonoxxment tal-mod eċċellenti ta' kif mexxa t-tlugħ ta' dawn il-qniepen f'posthom.

Aktar tard f'dan il-jum, il-banda tal-Mellieħa, il-banda 'La Vittoria', taħt it-tmexxija tas-surmast tagħha, Mro. Nikola Montebello, esegwiet programm mużikali. F'dan il-programm il-banda 'La Vittoria' daqqet il-Marċja Sinfonika *'Aurora Boreale'* u l-Preghiera *'Ave Marie'* tas-surmast Montebello; is-Sinfonija, *'Il Califfo di Bagdad'* ta' Boildieu; is-selezzjonijiet mit-*'Traviata'* ta' Donizetti, u l-*'Mefistofele'* ta' Boito; u l-Intermezz, *'Visione'* ta' Bartolucci. Esegwiet ukoll l-Innu ta' Mro. Ġ. Caruana, *'Lil Madonna tal-Mellieħa'*, u għalqet dan il-programm bl-innu tal-Banda 'La Vittoria' u l-*'God Save the King'*.

Dan it-tagħrif ma jindikax ħaġa oħra għajr l-involviment dirett ta' l-Għaqda Mużikali 'La Vittoria' in konnessjoni mhux biss mas-sehem tagħha fil-festa ta' Maria Bambina fil-Mellieħa imma wkoll ma' okkażjonijiet oħra storiċi marbuta mal-knisja parrokkjali.